

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)
> [Drittijiet Tal-vittmi - Skont Il-pajjiż](#) > 1 - Drittijeti bħala vittma ta' reat

1 - Drittijeti bħala vittma ta' reat

X'informazzjoni nirċievi mingħand l-awtorità wara li jkun seħħ ir-reat (eż. il-pulizija, il-prosekutur pubbliku) iżda qabel ma nirrapporta r-reat?

Il-pulizija u l-prosekutur pubbliku huma meħtieġa jinfurmawk dwar:

- id-dritt tiegħek għad-danni mingħand il-persuna suspettata jew għal kumpens mill-Istat;
- il-fatt li, jekk inti titlob dan, il-prosekutur pubbliku ġeneralment jintalab iħejji u jippreżenta t-talba tiegħek għad-danni fil-qorti;
- id-dispożizzjonijiet dwar l-ordnijiet ta' trażżin, konsulent legali għall-parti li ġarrbet id-dannu u assistenza personali;
- kif tapplika għal għajjuna u pariri legali;
- l-għażliet u l-kundizzjonijiet għall-medjazzjoni;
- l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet li joffru appoġġ u assistenza;
- id-dettalji ta' kuntatt meħtieġa sabiex tikseb informazzjoni dwar il-każ tiegħek;
- il-proċedimenti kontinwi u r-rwol li għandek fihom;
- id-dritt tiegħek għal interpretazzjoni u traduzzjoni;
- id-dritt tiegħek għal rimborż tal-ispejjeż;
- il-fatt li l-investigazzjoni preliminari ma nbdiex jew twaqqgħet;
- fejn għandhom jiġu indirizzati kwalunkwe ilmenti li jikkonċernaw it-trattament tal-każ tiegħek;
- jekk inbdewx proċedimenti legali jew le;
- jekk persuna detenuta jew arrestata ħarbitx.

Innota li l-informazzjoni ta' hawn fuq ser tiġi pprovduta wara rapport tal-pulizija. Iżda ovvjament tista' tirreferi għall-informazzjoni dwar, pereżempju, is-sit web tal-Awtorità ta' Appoġġ u Kumpens għall-Vittmi ta' Reati (Brottsoffermyndighet) qabel tippreżenta rapport tal-pulizija.

Jien ma ngħixx fil-pajjiż tal-UE fejn seħħ ir-reat (ċittadini tal-UE u dawk li mhumiex). Kif inhuma protetti d-drittijiet tiegħi?

Jekk inti ċittadin barrani u kont il-vittma ta' reat fl-Iżvezja, inti intitolat għall-istess informazzjoni bħal ċittadin Żvediż (ara hawn fuq). Inti għandek id-dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni jekk ma titkellimx bl-Iżvediż.

Jekk kont il-vittma ta' reat f'pajjiż ieħor, l-awtoritajiet f'dak il-pajjiż huma responsabbli sabiex jinfurmawk dwar id-drittijiet tiegħek. Ara aktar informazzjoni dwar id-drittijiet fi Stati Membri oħrajn tal-UE hawnhekk.

Jekk nirrapporta reat, x'informazzjoni nirċievi?

Il-pulizija u l-prosekutur pubbliku huma meħtieġa jinfurmawk dwar:

- id-dritt tiegħek għad-danni mingħand il-persuna suspettata jew għal kumpens mill-Istat;
- il-fatt li, jekk inti titlob dan, il-prosekutur pubbliku ġeneralment jintalab iħejji u jippreżenta t-talba tiegħek għad-danni fil-qorti;
- id-dispożizzjonijiet dwar l-ordnijiet ta' trażżin, konsulent legali għall-parti li ġarrbet id-dannu u assistenza personali;

- kif tapplika għal għajnuna u pariri legali;
- l-għażliet u l-kundizzjonijiet għall-medjazzjoni;
- l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet li joffru appoġġ u assistenza;
- id-dettalji ta' kuntatt meħtieġa sabiex tikseb informazzjoni dwar il-każ tiegħek;
- il-proċedimenti kontinwi u r-rwol li għandek fihom;
- id-dritt tiegħek għal interpretazzjoni u traduzzjoni;
- id-dritt tiegħek għal rimborż tal-ispejjeż;
- il-fatt li l-investigazzjoni preliminari ma nbdiex jew twaqqgħet;
- fejn għandhom jiġu indirizzati kwalunkwe ilmenti li jikkonċernaw it-trattament tal-każ tiegħek;
- jekk inbdewx proċedimenti legali jew le;
- jekk persuna detenuta jew arrestata ħarbitx mill-ġustizzja.

Għandi dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni jew traduzzjoni mingħajr ħlas (meta nikkuntattja lill-pulizija jew lil awtoritajiet oħrajn, jew matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Inti għandek id-dritt għal servizzi ta' interpretazzjoni u traduzzjoni jekk ma titkellimx bl-Iżvediż.

Kif tista' l-awtorità tiżgura li qed nifhem u li qed niġi mifhum(a) (jekk jien minorenni; jekk għandi diżabbiltà)?

Inti għandek id-dritt għal servizzi ta' interpretu jekk għandek diżabbiltà li tfisser li inti trux, għandek diffikultà ta' smiġ jew impediment tat-taħdit.

L-Awtorità ta' Appoġġ u Kumpens għall-Vittmi ta' Reati (Brottsoffermyndigheten) ipproduċiet materjal ta' informazzjoni ddisinjat b'mod speċjali għat-tfal. Żur <https://www.jagvillveta.se/> għad-dettalji dwar id-drittijiet tiegħek f'każ ta' reat.

Il-pulizija jipprovdu wkoll informazzjoni maħsuba b'mod speċjali għat-tfal: <https://polisen.se/Utsatt-for-brott/Olika-typer-av-brott/Barn-och-ungdomar/>

Servizzi ta' appoġġ għall-vittmi

Min jipprovdi l-appoġġ għall-vittmi?

Bħala l-vittma ta' reat, inti tista' tikseb appoġġ minn ħafna assoċjazzjonijiet u organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ. Is-servizzi soċjali fil-muniċipalità tiegħek huma wkoll meħtieġa mil-liġi li jiżguraw li l-vittmi ta' reati u l-familji tagħhom jirċievu appoġġ u assistenza.

Il-pulizija ser jirreferuni awtomatikament għall-appoġġ għall-vittmi?

Meta tirrapporta reat, il-pulizija tinfirmak dwar l-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet li joffru appoġġ u assistenza. Bil-kunsens tiegħek, f'xi każijiet, il-pulizija jgħaddu d-dettalji ta' kuntatt tiegħek lil, pereżempju, linja telefonika ta' appoġġ għall-vittmi, li min-naħa tagħha mbagħad tikkuntattjak. Tista' wkoll tagħmel kuntatt minn jeddek ma' organizzazzjoni li tipprovdi appoġġ.

Kif tiġi protetta l-privatezza tiegħi?

Jekk titlob appoġġ mis-servizzi soċjali, il-każ tiegħek jiġi ttrattat b'mod kunfidenzjali. In-nies li jaħdmu fil-ħin tagħhom għal organizzazzjoni volontarja li tappoġġja lill-vittmi ta' reati jintrabtu b'ġurament tas-segretezza. Tista' wkoll tibqa' anonimu meta tikkuntattja organizzazzjoni bħal din.

Għandi bżonn nirrapporta reat qabel inkun nista' nikseb aċċess għall-appoġġ għall-vittmi?

Le, ma għandekx bżonn tagħmel dan.

Protezzjoni personali jekk inkun fil-periklu

X'tipi ta' protezzjoni huma disponibbli?

Hemm ħafna tipi ta' protezzjoni disponibbli għall-vittmi ta' reati:

- Ordni ta' trażżin

Ordni ta' trażżin (kontaktförbud) hija maħsuba sabiex tevita sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu perikolużi għall-vittmi. L-ordnijiet ta' trażżin inħarġu u nużaw prinċipalment sabiex jiproteġu lin-nisa minn theddid u fastidju minn ex-konjuġi jew sieħeb, iżda jistgħu jinħarġu wkoll sabiex jiproteġu lit-tfal u lil persuni vulnerabbli oħrajn. Ordni ta' trażżin tfisser li l-persuna li qed thedded u tagħtik fastidju tiġi pprojbita milli żżurek jew tikkuntattjak b'xi mod ieħor, pereżempju, permezz ta' ittra, messaġġ testwali jew bit-telefon, jew inkella billi tgħaddilek messaġġ mal-ħbieb. Hija tista' tiġi estiża wkoll f'ordni sabiex tali persuna ma tersaqx lejn darek, il-post tax-xogħol tiegħek jew post ieħor li tiffrekwentja.

Ordni ta' trażżin tista' tkopri wkoll lil xi ħadd li jgħix mal-persuna li tkun qed tiġi mhedda. Sabiex tkun tista' tinħareġ ordni bħal din, bil-għan li jitwaqqaf is-sors tat-theddid mid-dar konġunta, irid ikun hemm riskju għoli ta' reat kontra l-ħajja, is-saħħa, il-libertà jew is-sikurezza tas-sieħeb / sieħba.

Il-prosekutur pubbliku jiddeċiedi dwar l-ordnijiet ta' trażżin. Jekk il-prosekutur ma joħroġx ordni bħal din, inti tista' titlob sabiex il-materji titressaq quddiem il-qorti distrettwali (tingsrätt). Kull min ma jobdix tali ordni jista' jiġi kkundannat iħallas multa jew jingħata sentenza sa sena priġunerija.

- Djar ta' kenn

Jista' jkun meħtieġ li n-nisa u t-tfal li kienu soġġetti għal vjolenza domestika jkollhom joħorġu minn djarhom għal xi żmien. Id-djar ta' kenn jiġu pprovduti kemm mill-muniċipalitajiet kif ukoll minn dawk li jipprovdu rifuġju għan-nisa. Ikkuntattja lis-servizzi soċjali fil-muniċipalità tiegħek jew ċentru tan-nisa lokali għal aktar informazzjoni.

- Data personali protetta

Jekk għandek bżonn iżżomm l-indirizz tiegħek sigriet minħabba theddid jew forom oħrajn ta' fastidju, jista' jkollok kodiċi mdaħħal fir-reġistru tal-popolazzjoni għal kontroll speċjali tas-segretezza (sekretessmarkering). Il-kodiċi jiddaħħal ukoll f'reġistri pubbliċi oħrajn, bħar-reġistru tal-vetturi u l-liċenzji tas-sewqan. Ġeneralment, il-klassifikazzjoni tiġi riveduta kull sena.

Mod ieħor ta' kif tiġi protetta d-data personali huwa li persuna mhedda li tkun iċċaqilqet jew li jkollha l-ħsieb li tagħmel dan tibqa' fir-reġistru tal-popolazzjoni fl-indirizz antik tagħha (kvarskrivning). Tista' tibqa' rreġistrat fl-indirizz antik tiegħek sa tliet snin wara li tiċċaqlaq.

It-talbiet għal data personali protetta fil-forma ta' kodifikazzjoni tas-segretezza u l-użu ta' indirizzi antiki għandhom jiġu sottomessi lill-uffiċċju tat-taxxa lokali fejn inti rreġistrat. Huwa importanti li tgħid li għandek data personali protetta meta titkellem mal-awtoritajiet. Trid toqgħod ukoll attent ħafna meta tittratta ma' organizzazzjonijiet, kumpaniji u oħrajn.

- Bidla tal-isem

Mod ieħor ta' kif ittejjeb il-protezzjoni jista' jkun li tbiddel ismek. Tista' taqleb għall-kunjom ta' ġenitur billi tinnotifika lill-Aġenzija tat-Taxxa Żvediża (Skatteverket). Bidla għal kwalunkwe kunjom ieħor teħtieġ l-awtorizzazzjoni mill-Uffiċċju Żvediż tal-Privattivi u r-Reġistrazzjonijiet (Patent- och registreringsverket).

- Pakkett ta' sigurtà

Għal xi nies, it-theddida tant tkun serja li jista' jkun meħtieġ li jintuża 'pakkett ta' sigurtà'. Il-pakkett fih sistema ta' telefon ċellulari u allarm u jista' jiġi missellef mill-awtorità tal-pulizija lokali soġġett għal reviżjoni speċifika.

- Data personali fittizja

Fejn ikun hemm theddida ta' reat serju kontra l-ħajja, is-saħħa jew il-libertà tiegħek, jew fejn miżuri ta' sikurezza oħrajn ma jinħassux li jipprovdu biżżejjed protezzjoni, inti tista' titħalla tuża dettalji personali fittizji (jiġifieri

ivvintati). It-talbiet sabiex tintuża *data* personali fittizja għandhom isiru lill-pulizija.

- Programm ta' protezzjoni tax-xhieda

F'każijiet eċċezzjonali, meta miżuri oħrajn ma jkunux qegħdin jaħdmu, il-persuni mhedda li jistgħu jinfluwenzaw l-eżitu ta' kawża fil-qorti jistgħu jidħlu fil-programm speċjali ta' protezzjoni tax-xhieda mmexxi mill-pulizija.

Min jista' joffrili protezzjoni?

Skont it-tip ta' protezzjoni, organizzazzjonijiet differenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar il-protezzjoni. Ara t-taqsimha ta' hawn fuq.

Ser ikun hemm xi ħadd li jivvaluta l-każ tiegħi sabiex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mit-trasgressur?

Sabiex jiddeterminaw il-ħtieġa tiegħek għal miżuri protettivi speċjali matul l-inkjesti tal-pulizija u l-proċedimenti tal-qorti, il-pulizija għandhom jagħmlu valutazzjoni tas-sikurezza individwali mill-aktar fis possibbli. Din tikkunsidra s-severità tar-reat u ċ-ċirkostanzi personali tiegħek. Jekk għandek inqas minn 18-il sena, inti dejjem titqies bħala li teħtieġ protezzjoni speċjali.

Is-servizzi soċjali għandhom ukoll it-tendenza li jużaw metodi ta' valutazzjoni speċjali sabiex jeżaminaw ir-riskju ta' espożizzjoni mgħadda għal vjolenza minn trasgressur li tkun qed tgħix miegħu.

Ser ikun hemm xi ħadd li jevalwa l-każ tiegħi sabiex jara jekk ninsabx f'riskju ta' aktar dannu mis-sistema tal-ġustizzja kriminali (matul l-investigazzjoni u l-proċess)?

Sabiex jiddeterminaw il-ħtieġa tiegħek għal miżuri ta' protezzjoni speċjali matul l-inkjesti tal-pulizija u l-proċedimenti tal-qorti, il-pulizija għandhom jagħmlu valutazzjoni tas-sikurezza individwali mill-aktar fis possibbli. Din tikkunsidra s-severità tar-reat u ċ-ċirkostanzi personali tiegħek. Jekk għandek inqas minn 18-il sena, inti dejjem titqies bħala li teħtieġ protezzjoni speċjali.

X'tip ta' protezzjoni hemm disponibbli għal vittmi vulnerabbli ħafna?

L-aktar miżuri protettivi estensivi fil-każ ta' reat serju huma d-dettalji personali fittizji u l-programm ta' protezzjoni tax-xhieda (ara hawn fuq).

Jien minorenni – għandi xi drittijiet speċjali?

Is-servizzi soċjali huma responsabbli sabiex jiżguraw li persuna minorenni li kienet vittma ta' reat, flimkien mal-graba tagħha, jirċievu l-għajjnuna u l-appoġġ li jeħtieġu. Is-servizzi soċjali għandhom jiftakru wkoll li persuna minorenni li kienet xhud ta' vjolenza jew abbuż ieħor kontra qarib huwa wkoll il-vittma ta' reat, u għandhom jiżguraw li l-persuna minorenni tirċievi l-għajjnuna u l-appoġġ li teħtieġ.

Il-membri tal-familja tiegħi miet kaġun tar-reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Is-servizzi soċjali huma responsabbli wkoll sabiex jipprovdu appoġġ lill-qraba meta membru tal-familja jkun il-vittma ta' reat. Hemm ukoll assoċjazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ iddedikati sabiex jagħtu appoġġ lill-qraba meta membru tal-familja jkun miet minħabba reat.

Il-membri tal-familja tiegħi kien vittma ta' reat – x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Is-servizzi soċjali huma responsabbli wkoll sabiex jipprovdu appoġġ lill-qraba meta membru tal-familja jkun il-vittma ta' reat. Ħafna mill-miżuri protettivi deskritti hawn fuq jistgħu japplikaw ukoll għalik jekk ikollok qraba li kienu vittmi ta' reat. Ħafna mill-organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ joffru wkoll appoġġ lill-qraba.

Nista' nikseb aċċess għas-servizzi ta' medjazzjoni? X'inhuma l-

kundizzjonijiet? Ser inkun sikur(a) waqt il-medjazzjoni?

Medjazzjoni tfisser li l-vittma u l-awtur tar-reat jiltaqgħu sabiex jiddiskutu dak li ġara ma' medjatur imparzjali. Meta l-awtur tar-reat ikollu inqas minn 21 sena, il-muniċipalit  tkun meħtieġa li toffri medjazzjoni.

Kundizzjoni għall-medjazzjoni hija li r-reat irid ikun rikonoxxut. Iż-żewġ partijiet għandhom ikunu jridu jipparteċipaw ukoll. Il-medjazzjoni tista' twassal għal ftehim, pereżempju, dwar kif għandhom jaġixxu l-partijiet fil-laqqgħat futuri ma' xulxin, sabiex b'hekk tagħti ċerta riassigurazzjoni lill-vittmi.

Huma possibbli wkoll ftehimiet dwar il-kumpens finanzjarju għad-danni, iżda dawn jistgħu jwasslu għal problemi, b'mod partikolari fejn ikun hemm diversi awturi ta' reati, somom kbar jew danni personali involuti. Ikkuntattja lill-Awtorit  ta' Appoġġ u Kumpens għall-Vittmi ta' Reati (Brottsoffermyndigheten) jekk għandek xi mistoqsijiet dwar dawn il-ftehimiet. Jekk tidħol fi ftehim dwar kumpens finanzjarju, tista' titlef id-dritt li titlob għal kumpens għall-vittmi ta' reati.

Il-medjatur maħtur (li jrid ikun kompetenti, onest u imparzjali) huwa responsabbli sabiex jiżgura li l-medjazzjoni tipproċedi b'mod sikur għalik.

Fejn nista' nsib il-liġi li tgħid x'inhuma d-drittijiet tiegħi?

Lista ta' atti u regolamenti importanti tista' tinstab fuq [is-sit web tal-Awtorit  ta' Appoġġ u Kumpens għall-Vittmi ta' Reati \(Brottsoffermyndigheten\)](#).

■ L-aħħar aġġornament: 15/07/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorit  nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbilta jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.